MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Numru. 534/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Roderick Baldacchino, iben Herbert John u Mary Grace nee Zammit, imwieled Attard nhar is-16 ta' Settembru, 1978, residenti Biarritz Crt, F1, 57, Triq Dun Kalcidon Schembri, Msida u detentur tal-karta ta' l-identita 510978(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-6 ta' Marzu 2013 u x-xhur ta' qabel, f'San Giljan u/jew fil-vicinanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijeit differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-hagajew li jsir uza minnha specifika.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt illi l-imputat irrifonda l-flus kollha mehuda indebitament lil parte leza hu qieghed jobbliga ruhu li bl-ebda mod ma jikkomunika ma l-istess parte leza jew javvicinaha.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 293 u 310(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni. Waran li rat artikolu 383 Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lil hati taht garanzija sabiex bl-ebda mod ma javvicina jew ikellem lil Godfrey Gatt taht penali elfejn euro (€2,000) ghal zmien sena mil-lum.

Finalment il-Qorti tordna li kopja tal-Atti flimkien mas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------